MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 83/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-7 ta’ Marzu, 2006 li permezz tiegħu A espona bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti żżewġu f’Malta fl-1 ta’ Ġunju, 1996.

2. Illi ftit wara ż-żwieġ l-esponenti nduna li martu kien qed ikollha relazzjonijiet ma' persuni ta' l-istess sess u ċertament kieku l-esponenti kien jaf b'dawn it-tendenza tagħha żgur ma kienx jasal biex jiżżewwiġha.

3. Illi dawn iż-żwieġ huwa irritu u null a' tenur tal-Artikolu 19 (1) (c) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att dwar iż-Żwieġ billi l-kunsens tiegħu inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-konvenuta li fixklet serjament il-ħajja miżżewġa u inoltre, il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija psikoloġika serja li għamlitha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

Għaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli jogħġobha tiddikjara ż-żwieġ li ġie ċelebrat bejn il-kontendenti fuq imsemmi bħala irritu u null a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 19 (1) (c) u/ew (d) u/jew (f) tal-Att dwar iż-Żwieġ.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fil-15 ta' Mejju, 2006 li permezz tagħha B esponiet bir-rispett:

1. Illi l-esponenti taqbel li ż-żwieġ ikkuntrattat bejnha u bejn ir-rikorrent fl-1 ta' Ġunju, 1996 huwa null u bla effett fil-liġi, iżda n-nullita m'hijiex ħtija biss ta' l-esponenti, iżda hija fuq kollox ħtija tar-rikorrenti, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-każ.

2. Illi għalhekk iż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-kontendenti

huwa null u bla effett fil-liġi ai termini tal-Artikoli 19 (1)(a) u/jew (1)(c) u/jew (d) u/jew (f) u dan b'tortijiet imputabbli liż-żewġ kontendenti.

3. Illi fil-fatt sija tul l-għerusija, kif ukoll tul iż-żwieġ qasir li kien hemm bejn il-kontendenti, ir-rikorrenti eżerċita vjolenza fiżika u psikoloġika fil-konfront tal-esponenti u anke fil-konfront ta' binhom X (li dak iż-żmien kienet għadha tarbija). Huwa kien vjolenti wkoll ma' *ex girlfriends* tiegħu u anke ma' familjari tiegħu. Dan ħoloq biża' kbira fl-esponenti li wassal li l-kunsens tagħha għaż-żwieġ ma kienx wieħed liberu. Mhux biss iżda ż-żewġ kontendenti ma kinux maturi biżżejjed għaż-żwieġ u b'mod partikolari r-rikorrenti kellu kunċett żbaljat ta' xi tfisser il-kelma "imħabba" u qatt ma trabba f'ambjent ta' familja bil-konsegwenza li ma kienx kapaċi jassumi r-responsabbiltajiet matrimonjali.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-każ.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits tar-rikorrent u affidavits prezentanti mir-rikorrent; dak ta' l-intimata u affidavidts prezentati mill-intimata, li ghalihom ir-rikorrent irrisponda b'affidavit ieħor tiegħu u omissis wara illi l-Qorti laqgħet rikors tiegħu biex jiġi ammess dan l-affidavit għalkemm ix-xhud ma kinitx iddikjarata minn qabel; rat ukoll l-affidavit ulterjuri ta' l-intimata u ta' omissis.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Diċembru, 2006 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrent qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1 ta' Ġunju, 1996 a bażi tal-Kapitolu 255

tal-Liġijiet ta’ Malta. L-intimata taqbel ma’ dan iżda tgħid li ż-żwieġ huwa null għal raġunijiet imputabbli anke lir-rikorrent. Matul il-kors tal-kawża r-rikorrent sostna li l-intimata llum għandha relazzjoni ma’ mara oħra (ħaġa li l-intimata tiċħad) fil-waqt li l-intimata tgħid li r-rikorrenti kien dejjem vjolenti magħha u ma kienx matur biżżejjed biex jassumi r-responsabiltajiet taż-żwieġ.

Kif irritenew il-Qrati Maltin; “*F’materja ta’ żwieġ illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b’hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kolliżjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta’ żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero’ dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta’ dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*” (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991).

Ir-raġunijiet indikat mir-rikorrent jirrigwardjaw dawn is-subinċiżi tal-liġi in kwistjoni u cioe’;

19 (1) (c) – il-kunsens inkiseb b’qerq dwar il-kwalita’ tal-parti l-oħra li mix-xorta tiegħu jista’ jfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u

dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Mill-provi voluminużi mressqa mill-partijiet jidher li dan kien każ ta' żwieġ kif jingħad bl-Ingliż bejn tnejn minn nies, *ill matched.* Dan għalkemm kellhom perjodu konsiderevoli ta' għerusija. Kif infatti lill-partijiet twelditilhom it-tifla, sentejn wara ż-żwieġ, dan tfarrak mill-ewwel.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (27 ta' Jannar, 2006) ;

"*Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fondamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*Is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affettwat b'anomalija psikoloġika serja u tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ. Ta' min jenfasizza hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha impossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obligazzjonijet essenzjali taż-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ.*"

Kif qalet ukoll il-Qorti fil-kawża Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta' Mejju, 1995); "*B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju*

*l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ.* F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru, 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru, 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awwissu, 1995).

Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li; "*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju irid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomlaija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi interni li jkunu neħħew il-liberta ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*"

Il-Qorti wara li ħasbet fit-tul tħoss illi f'dan il-każ hemm każ li dan iż-żwieġ jiġi annullat a bażi tas-subinċiż (ċ). L-allegazzjonijiet tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin jidhru li huma ġustifikati jekk mhux kompletament pero' suffiċjentement biex irendi ż-żball fuq il-kwalita' tal-parti l-oħra li jfixkel serjament il-ħajja miżżewġa.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba rikorrent u tiddikjara null iż-żwieġ kuntrattat bejn il-partijiet fl-1 ta' Ġunju, 1996. L-ispejjeż ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------